C/2024/5171

20.8.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11623 – BPCE / SGEF)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5171)

1. Fid-9 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BPCE Group (Franza), ([2])

— in-negozju tal-finanzjament għall-apparat ta' Société Générale ("SGEF"), (Franza), li jappartjeni għal Générale S.A. (Franza).

BPCE Group se jakkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-intier ta' SGEF.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— BPCE Group jopera fis-setturi tal-operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur u tal-assigurazzjoni fi Franza u huwa attiv ukoll madwar id-dinja permezz tas-servizzi tal-immaniġġjar ta' assi u ta' ġid ipprovduti minn Natixis Investment Managers u l-attivitajiet bankarji bl-ingrossa ta' Natixis Corporate & Investment Banking. BPCE Group, permezz ta' BPCE Lease, huwa attiv ukoll fis-settur tal-lokazzjoni,

— SGEF hija attiva fis-settur tal-lokazzjoni fl-Ewropa, fil-Brażil u fl-Istati Uniti, u tispeċjalizza fil-finanzjament għall-apparat professjonali u tal-bejjiegħ f'erba' setturi kbar: it-trasport, l-apparat industrijali, it-teknoloġija, u s-settur mediku u ambjentali. SGEF toffri firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet għall-finanzjament tal-apparat (inklużi b'mod partikolari self, lokazzjonijiet finanzjarji, lokazzjonijiet operatorji u lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri) u servizzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([3]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) inkluża BPCE S.A,
([3]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tiġi speċifikata dejjem:

M.11623 – BPCE / SGEF

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË